Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Città Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| Seduta | 07/11 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| Data | 22/09/2011 fis-6.30pm | | |
| Post | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| Attendenza | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | | Camilleri Claude | Skużat |
| | | Darmanin Richard | Assenti |
| | | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | | Hales Joseph | Preżenti |
| | | Pace Darrell | Preżenti minn 6.50pm |
| | | Seychell Anthony | Preżenti sa 7.20pm |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Skużata |
| Preżenti wkoll | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistant Principal Joanne Muscat | |

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 1. | | | **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti** | | |
| 07. | 1. | 1 | | | **Il-Minuti 06/11 inqraw mis-Sindku u ġew approvati nem.con. Il-minuti wara ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | |

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 2. | | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
| 07. | 2. | 1 | 06.2.1 | Sindku: Hajt perikoluz hdejn il-Knisja tal-Madonna tal-Hniena | Is-Sindku informa lil Kunsill li l-ħajt li kellu jitella' mal-ġenb tal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena issa tlesta. Is-Sindku faħħar ukoll it-tindif li sar taħt 'l-iscaffolding' li hemm għarmat fil-ġenb tal-Knisja Parrokkjali, liema xogħol kien ko-ordinat mill-Kunsillier Joe Hales. | Sindku Joe Hales |
| 07. | 2. | 2 | 06.2.2 | Sindku: Rapport - 'Lokalitajiet Sostenibbli' | Is-Sindku spjega li xogħol fuq dan ir-rapport miexi b'rata tajba ferm. Il-Kunsilliera Stephanie Fenech ipproponiet sabiex jekk ikun possibbli jibdew jinżammu kopji taż-teżijiet kollha li studenti Universitarji jagħmlu fuq iż-Żejtun. Hawnhekk il-Kunsill qabel nem.com | Sindku Viċi Sindku |
| 07. | 2. | 3 | 06.2.4 | Viċi-Sindku: Tfal jaddottaw Anzjan | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li l-proġett 'Tfal Jadottaw Anzjan' jgħalaq f'Diċembru li ġej u għaldaqstant rapport fid-dettal jingħata aktar tard fil-gimghat li gejjin. | Viċi Sindku |
| 07. | 2. | 4 | 06.2.8 | Sindku: Periklu fil-Playingfields | Is-Sindku nforma lil Kunsill kif il-bandli li hemm fi Ġnien San Girgor ser jinbidlu għal oħrajn iktar moderni. Il-Kunsilliera Stefanie Fenech ipproponiet li il-Merry-Go-Round ghandħa tinqala minħabba l-periklu li qed tippreżenta. Is-Sindku qal li din tinqala hekk kif nirċievu r-rapport fuq il-playing fields u dan il periklu jkun ikkonfermat. | Sindku Joe Hales |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 2. | 5 | | 06.2.16 | Seychell: Kompetizzjoni tal-Inbid | Is-Sur Anthony Seychell informa lil Kunsill li mir-reġistrazzjoni għal Kompetizzjoni tal-Inbid kien hemm dħul ta' €89. Din kienet l-10 edizzjoni u ngħata momento lil kull minn b'xi mod għin sabiex din l-attivita' titella'. Hawnhekk il-Kunsillier Joe Hales ippropona sabiex din l-attivita isir parti mill-attivita Żejt iż-Żejtun, izda minħabba li l-għasir ta' l-għeneb li ma jsirx f'dan iż-żmien dan mhux ser ikun possibli. | Seychell |
| 07. | 2. | 6 | | 06.2.17 | Seychell: Bolla Budaj | Il-Kunsillier Anthony Seychell filwaqt li informa lil Kunsill li l-Bolla tal-Budaj intlaqat tajjeb ħafna, huwa qal ukoll li mill-bejgħ ta' din il-bolla kien hemm dħul ta' €337. | Seychell |
| 07. | 2. | 7 | | 06.2.14 | Segretarjat: Uzu tal-Ġnien minn Dorianne u Neville | Is-Segretarjat informa lil Kunsill li Dorianne u Neville ġew il-Kunsill jsabiex jiddiskutu dwar l-uzu ta' Ġnien ~~San Girgor~~ Luqa Briffa waqt it-tieġ tagħhom nhar it-2 ta' Gunju 2012. Dawn ukoll ħallsu depożitu għal dan l- użu.Il-Kunsillier Joe Hales kien preżenti għal din il-laqgħa. | Segretarjat / Hales |
| 07. | 2. | 8 | | 06.3.3 | Vici-Sindku: Programm fuq PBS | Il-Vici Sindku infurmat lil Kunsill kif is-sehem tal-Kunsilli fil-progamm li jixxandar fuq PBS mill-Bieb il-Ġewwa twaqqaf. Peress li kien diġa sar il-ħlas sabiex il-Kunsill Lokail Zejtun jieħu sehem f'dan il-programm, sar ftehiem li permezz tiegħu bl-ammont imħallas sar reklamar ghal l-attivita' Zejt iż-Żejtun. | Sindku / Segretarjat |
| 07. | 2. | 9 | | 06.07.1 | Sindku: Gnien Brejgu | Is-Sindku ta' rapport lill-Kunsill fuq l-andament tax-xogħol fi Ġnien Brejgu. Is-Sindku preżenta wkoll tlett kwotazzjonijiet ghal-bandli tat-tfal u rrakomanda sabiex jinxtraw minghand l-M.Quip għaliex il-prezzijiet tieghu huma l-aktar vantaggjuzi. Is-Sindku qal ukoll li wara Żejt iż-Żejtun ser jitwahhlu madwar 9 bankijiet kif ukoll ser isir arloġġ tax-xemx. Is-Sindku flimkien ma' Joe Hales ser jagħmlu spezzjoni ta' Ġnien Brejgu biex jekk hemm xi nuqqas ta' tabelli dawn isiru. | Sindku |
| 07. | 2. | 10 | | | Sindku: Toroq ġodda | Is-Sindku informa lil Kunsill li fi żmien qasir ser jibda ix-xogħol ta' re-surfacing tas-sitt toroq pjanati permezz tal Public Private Partnership. L-ewwel toroq li ser isiru huma Triq Lvant u Triq Bisqallin u x-xogħol hu pjanat li jitlesta kollu sa l-aħħar tas-sena. | Sindku |
| 07. | 2. | 11 | | | Sindku: Customer Care tal-Kunsill | Is-Sindku informa lil Kunsill li l-Uffiċju tal-Customer Care il-ġdid tal-Kunsill infetaħ f'Lulju li ghadda mingħajr problemi u sejjer tajjeb ħafna. | segretarjat |
| | | | | | | | |
| **07.** | **3.** | | | | **Korrispondenza** | | |

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/11. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 3. | 1 | 01-03. | MEPA | Is-Sindku qal li fi għal l-applikazzjoni fi Triq il-Kantur għandha isir biss alterazzjoni u fi Triq San Alfonsu għandu jinżamm il-karattru tal-bini. | Segretarjat |
| 07. | 3. | 2 | 05 | DLG - Libreriji | B'riferenza ghal din il-Memo is-Sindku talab biex id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jigi infurmat kemm intnefqu flus f'kotba u payroll għal librara. | Segretarjat |
| 07. | 3. | 3 | 11 | DLG - Tgħamir ta' playing fields Memo 64/2011 | Filwaqt li s-Sindku qara din il-korrisponenza mingħand id-Dipartiment, is-segretarjat nforma lill- Kunsill li għadna qed nistennew ir-rapport fuq il-playing fields. | |
| 07. | 3. | 4 | 12 | DLG - Skema Attivitajiet 2012 Memo 65/2011 | Is-Sindku informa lil Kunsill li saret l-applikazzjoni għas-sena dieħla għall-attivita' Żejt iż-Żejtun | segretarjat |
| 07. | 3. | 5 | 13 | DLG - Skema titjieb fil-playing fields Memo 66/2011 | Is-Sindku informa lil Kunsill li ser napplikaw għal din l-iskema ta' finanzjament għal titjieb fil-playing fields. | Segretarjat |
| 07. | 3. | 6 | 18 | DLG - Skema ghal Kumitati regjonali Memo 71/2011 | Is-Sindku informa li għal kumitati reġjonali taħt din l-iskema inħargu €50,000 ghat-twaqqif tar-regjuni Filwaqt li kiem hemm propost biex isir funtana, il-Kunsill Lokali Żejtun ippropona li fi Ġnien Brejgu isir arloġġ tax-xemx. Mill 1 ta' Settembru 2011 d dħul kollu tal-LES ser jgħaddi għand ir-reġġjun. | Segretarjat |
| 07. | 3. | 7 | 19 | DLG - Progetti EU Memo 72/2011 | Is-Sindku gibed l-attenzzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv sabiex issegwi din il-Memo. | Segretarjat |
| 07. | 3. | 8 | 20 | DLG - White Paper Swieq fil-Berah Memo 73/2011 | Is-Sindku informa lil Kunsill bir-riforma il-ġdid li ser tiġi infurzata fuq is-Swieq fil-beraħ. | Sindku |
| 07. | 3. | 9 | 24 | DLG - Ħruġ ta' irċevuti Memo 77/2011 | Permezz ta' din l-email is-Sindku nforma l-Kunsill l-obbligi l-ġodda ta' l-irċevuti fiskali filwaqt li l-Viċi Sindku saqsiet għaliex il-Kunsill Lokali Żejtun m'ghandux numru tal-VAT.Is-Segretarju jagħti tagħrif fil-laqgħa li jmiss. | Segretarjat |
| 07. | 3. | 10 | 25 | DLG - Sistema ta' Infurzar kuntratti - Memo 78/2011 | Fuq dan ir-rigward is-Sindku informa lil Kunsill skond id-dokument tat-Tener il kumpanija ried ikollha 5 snin esperjenza, li fil fatt il-kumpanija Aurellia ma kelliex. | |
| 07. | 3. | 11 | 32 | DLG - Skema proġetti speċjali Memo 87/2011 | Is-Sindku informa lil Kunsill li taħt din l-iskema nistgħu li napplikaw sabiex isir tisbieħ fil-pjazza ta' isfel Misraħ ir-Republikka. Il-kunsillier Joe Hales ippropona sabiex isir funtana.Is-sindku spjega li wara konsultazzjoni mal-perit nkunu nistgħu niffurmaw opinjoni. | Sindku / Segretarjat |

| Riferenza | | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 3. | 12 | | 33 | Imelda Quirolo - Triq il-Qalb ta' Gesu | Filwaqt li nforma l-kunsill bil-korrispondenza tas-Sja Quriolo, is-Sindku qal li rcevejna mit-Transport Malta li din it-talba għal yellow line fi Triq il-Qalb ta' Gesu ma gietx milqugħa. | |
| 07. | 3. | 13 | | 34 | David Gatt- Loading & Unloading | Sindku informa lil Kunsill li Transport Malta qed isostnu li fi Triq Connaught diga hemm double yellow line u għaldaqstant minn naha taghhom qed jghidu li l-kaz magħluq. | |
| 07. | 3. | 14 | | 36 | Diaries JD Ltd | Il-Kunsill qabel nem.con li d-diaries għal din is-sena nordnaw daqs kemm ordnajna is-sena l-oħra. | Segretarjat |
| 07. | 3. | 15 | | 37 | ~~Gaeto Mercieca - Skart fossiku~~ Laqgħa dwar l-estensjoni tal-Power Station f'Delimara fuq stedina mill-EnMalta | Is-Sindku informa lil Kunsill li saritlu stedina ghal diskussjoni rigward il-power station ta' Delimara. Is-Sindku attenda flimkien mal-Kunsillier Richard Darmain u Darell Pace. Waqt il-laqgħa tkellmu fost oħrajn fuq il-kontroll ta' l-emissjonijiet. Barra l-Enemalta kien hemm ukoll rapprezentati tat-Taqsima ta' l-ambjent tal-MEPA ( Petra Bianchi u Michael Sant) Is- Sindku oggezzjona li dawn ippresidew il-laqgħa meta huma kellhom l-obbligu li jirrakomandaw jekk johroħ l-IPPC. Wara ħafna diskussjonijiet ta' kif ser jikkontrollaw l-emmisjonijiet is-Sindku saqsa dwar il-wegħda li l-Kunsill taż-Żejtun ikun rappreżentant fuq il-monitoring board. Hawn M.Sant irrisponda li din kienet possibilta. Meta s-Sindku saħaq li din kienet wegħda miktuba u talab lill M. Sant jikkonferma dan għamel mossa li kien ser iqum biex jitlaq. | |
| | | | | | | Hawn is-Sindku qam u telaq il-barra. | |
| **07.** | **4.** | | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. | 4. | 1 | | | Tabella tal-ħlasijiet 07/11 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | |
| | | | | | Fuq il-ħlas ta' invoice no: 7567 / 7557 / 7559 / 7563 / 7554 / 7555 ta' Charlton's Installation, il-Kunsill qabel nem.con li dawn ma għandhomx jitħallsu għalissa peress li xogħol fuq ic-Child Day Care Centre għandu mhux lest | | |
| | | | | | Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill fuq il-ħlasijiet tal-WasteServ Malta Ltd invoice no: 10272 / 11922 li dawn ma għandhomx jitħallsu peress li l-ammont huwa izjed mill l-allokazzjoni finanzjara li l-Kunsill jinghata mill-Gvern Centrali. | | |
| 07. | 4. | 2 | | | Petty Cash | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-Petty Cash għax-xhur ta' Ġunju, Lulju u Awwissu 2011 skond kif jidher fit-tabella bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 4. | 2 | i | | Talbiet għal Xiri 07/11 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | |
| | | | | | | | |
| 07. | 5. | | | | **TENDER 03/11 - SERVIZZ TA' PERIT** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. | 5. | 1 | | | Proponenet - Sindku<br>Sekondat - Stephanie Fenech | Is-Sindku informa li Kunsill li għal din it-tender intefgħu 7 offerti u nforma l-Kunsill li ingħata parir li l-perit għal dawn iż-żewġ xogħlijiet ma jkunx l-istess wieħed. Hawn hekk il-Kunsill qabel nem.con. Il-Kunsillier Darell Pace talab lil Kunsill sabiex jagħti importanza lil esperjenza li dawn għandhom fil-qasam tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku hawn propona li l-ewwel parti tat-tender li titratta' *Various Inf./Road Works* jingħata lil Med Assoc u t-tieni taqssima dwar *Project Management tal- Leader Programm Mizura 313* tingħata lil-Perit Chris Cachia. Il-Kunsillier Darell Pace talab sabiex Chris Cachia jadotta l-anqas rata kwotata. | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| 07. | 6. | | | | **Tender 04/11 - Pholtovoltaic Panels** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 7. | 6. | 1 | | | Proponenet - Sindku<br>Sekondat - Darrell Pace | Il-Kunsill qabel nem.con li nieħdu parir tekniku u għalhekk din it-tender ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. | |
| | | | | | | | |
| 07. | 7. | | | | **Tender 05/11 - Mizura 313 - Progett f'Ta Strejnu** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. | 7. | 1 | | | Sindku | Is-Sindku spjega kif din it-tender hija maqsuma f'diversi xogħlijiet u li għalhekk hemm bżonn ta' diversi kuntratturi sabiex dan il-proġett iseħħ. Ġie propost li ix-xogħol ta' toroq jingħata lil J&J Schembri, ix-xogħol tal-patterned concrete lill Andrew James Vella u x-xogħol ghal-bini tal- 'Boundary Walls' jingħata lil John Bartolo. Il-Kunsill qabel nem.con. Dawn kollha iżda ghandhom jaħdmu bil-kondizzjoni li ma nistgħux naqbzu l-estimi. | |
| | | | | | | | |
| 07. | 8. | | | | **Tender 06/11 - Kiri ta' KIOSK FI GNIEN SAN GIRGOR** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 8. | 1 | | | Proponenet - Sindku<br>Sekondat - Darrell Pace | Is-Sindku informa lil Kunsill li ircieva żewġ tenders waħda mingħand Silvio Quirolo u l-oħra mingħand Angelo Cassar. It-tnejn tefgħu l-offerta l-istess jiġifieri ta' €5000. Is-Sindku qal li peress li każ bħal dan ma' seħħ qatt, is-Segretarjat kiteb lid-Dipartiment sabiex jigwidana dwar kif ghandna nipprocedu. Sa issa għadna ma ircievejna l-ebda risposta. Il-kunsillier Joe Hales propona li terġa isir sejħa għal offerti mill-ġdid, Sindku qal li nistennew ir-risposta tad-Dipartiment u nimxu skond il-liġi. | |
| | | | | | | | |
| 07. | 8. | | | | **Tender 07/11 - Titjib fil-Binijiet ta' Ħal Tmiem** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| | | | | | Sindku | Is-Sindku informa lil Kunsill li għal dan it-Tender intefgħu zewġt offerti, waħda mingħand Leo Cailleri u Gilbert Micallef għal total to Euro 135,850 u waħda mingħand Frankie Mifsud b'total ta' Euro 86,688.06. Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Gvern alloka biss €5000 għal kull blokka. Għalhekk hawn hekk il-Kunsill qabel nem.com jagħzel l-offerta ta' Frankie Mifsud sakemm ikun konformi ma' l-estimi tal-Kunsill. | |
| | | | | | | | |
| 07. | 10. | | | | **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. | 10. | 1 | | | Iż-żewġ mozzjonijiet imressqa mill-Kunsillier Joe Hales ser jitħallew għal laqgħa li jmiss | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| 07. | 11. | | | | **Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. | 11. | 1 | | | Sindku - Gbir ta' Skart Goff | Is-Sindku informa lil Kunsill bis-sitwazzjoni ta' 'backlog' ta' xogħol li qed ikollna bis-servizz tal-ġbir ta' skart goff. Ghalkhemm saret talba lid-Dipartiment tal-Cleansing Services Department sabiex izidulna gurnata ohra ta' gbir, din it-talba ma gietx milqugha. Ghaldaqstant , b'emergenza, bhalissa qed ninqdew b'kuntrattur ieħor bi prezz ohros mill-Cleansing Services Department li qed jiġbor affarijiet ta' white goods, electronics u electrical u(WEE), dan il-kuntrattur qed jgħin sabiex nippruvaw inġibu is-sitwazzjoni għan-normal. | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 11. | 2 | | | Seychell | Seychell qajjem il-punt li tfal Zwieten ser jattendu mis-sena skolastika li jmiss l-iskola sekondarja ta' Sta Lucija. Is-Sindku qal li din hija s-sistema l-ġdid tal-kulleġġi u b'hekk sar dan it-tibdil, minkejja l-protesti tal-Kunsill f'Mejju li għadda. | |
| 07. | 11. | 3 | | | Sindku | Sindku nforma l-Kunsill li l-problema bl-Arriva għadha persistenti u għalkhem bħala ħinijiet morrna ftit għal aħjar il-frekwenza tar rotta no:84 li hi ta' waħda fis-siegħa għada mhux biżżejjed u mhux qed taqdi ir-residenti ta' San Klement / Gebel San Martin. Il-Kunsillier Joe Hales qal li għad hemm il-problema ta' tfal li issa ser jibdew l-iskola bħal MCAST. L-Arriva wedgħu ir-rotta ta' l-isptar ser terġa tibda mill t'Ottubru. | |
| 07. | 11. | 4 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku fakrket lil Kunsill u stiednet lil Kunsilliera kollha sabiex is-Sibt 24 ta' Settembru u l-Hadd 25 ta' Settembru jattendu għal attivita annwali Żejt iż-Żejtun. | |
| 07. | 11. | 5 | | | Segretarjat | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil Kunsill li l-impjegat Mark Spiteri talab sabiex jirranġa l-ħinijiet tax-xogħol u li minn Ottubru li ġej hu jibda jaħdem is-sena kollha mis-7.00am sa 3.30pm. Il-Kunsill qabel nem.com ma' din il-proposta. | |
| Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 6 ta' Ottubru, 2011 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00p.m. | | | | | | | |
| Joe Attard<br>Sindku<br>7/X/2011 | | | | | | Anton Falzon<br>Segretarju Eżekuttiv | |